

Brussell, 22 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10649/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0099 (COD)**

**CODEC 1205
ENV 753
MI 652
RELEX 856
AELE 48**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1157 fir-rigward tal-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' skart muniċipali mħallat destinat għall-irkupru (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv - Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-UE

1. Fid-29 ta' April 2026, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta¹ tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 192(1) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ġunju 2026².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat.
4. Fit-18 ta' Ġunju 2026, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni³. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet li jaċċettaw il-proposta tal-Kummissjoni u, għalhekk, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

¹ 8729/26.

² Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

³ 10565/26.

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss:

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher f'PE-CONS 35/26;
- jidderoga, abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu, fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni kif imniżżel fil-preambolu tal-att leġiżlattiv.

6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u dak tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
